MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 392/2008

**A B**

**-vs-**

**C D E gia C D F;**
**H F;**
**B'digriet tal-Qorti tal-4 ta' Frar 2009, Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Veronica Rossignaud gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri G F;**
**u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-minuri G F, rapprezentat f'dawn il-proceduri permezz ta' kuraturi deputati, twieled fit-tlieta ta' Dicembru elfejn u

wiehed (03/12/2001), kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dokument A;

Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi missier tat-tarbija huwa l-intimat H F, pero’ di fatti ma hux;

Illi fic-certifikat tat-twelid tal-minuri gie dikjarat illi missier il-minuri huwa H F stante illi l-istess H F kien fi zmien ir-registrazzjoni tat-twelid tal-minuri, mizzewweg lill-intimata l-ohra C D E gia F, u cioe’ omm il-minuri;

Illi z-zwieg bejn l-intimati H F u C D E gia F gie dikjarat null u bla effett minn dina l-Onorabbli Qorti permezz ta’ sentenza datata tnejn ta’ Gunju tas-sena elfejn u sitta (02/06/2006) [Citazz Numru 333/05 JA].

Illi fil-fatt, il-minuri G F gie koncepit minn relazzjoni illi l-intimata C D E gia F kellha mar-rikorrenti;

Illi s-suespost gie stabbilit permezz ta’ testijiet genetici appoziti u r-rizultat ta’ dawna t-testijiet jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dokument B;

Illi r-rikorrenti ghandu interess illi jigi dikjarat li t-tarbija G hija l-wild naturali u biologiku tieghu u mhux tal-intimat H F;

Illi jehtieg illi jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tal-minuri mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara li t-tarbija li twieldet lill-intimata C D E gia F fit-tlieta ta’ Dicembru elfejn u wiehed (03/12/2001) bl-isem ta’ G, hija l-wild naturali u biologiku tar-rikorrenti A B u mhux tal-intimat H F.

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certifikat tat-twelid tal-minuri G (Att Numru

4855 tal-2001), l-isem u d-dettalji tal-intimat H F kull fejn jirrikorri u minflok inizzel l-isem u d-dettalji tar-rikorrenti A B.

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certifikat tat-twelid tal-minuri G (Att Numru 4855 tal-2001), il-kliem "wife of the said H F" mid-dettalji tal-omm u cioe' ir-rikorrenti C E gia D F.

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certifikat tat-twelid tal-minuri G (Att Numru 4855 tal-2001), il-kunjom "F" mid-dettalji tal-isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, u minflok inizzel il-kunjom "B".

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ngunti sabiex jidhru in subizzjoni.

Rat id-digriet tal-4 ta' Frar 2009, li permezz tieghu gew nominati Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati tal-minuri G F.

Rat ir-risposta tal-istess kuraturi deputati fejn dawn eccepew:

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero' jirrizervaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxielhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jintlaqghu jehtieg li r-rikorrent jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu u l-kliem "*the said*" jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji

tal-omm. Inoltre, jekk it-talbiet jintlaqghu, il-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett, pero’ ir-raba’ talba ghandha tigi korretta biex taqra li l-kunjom tal-minuri ghandu jigi dikjarat bhala ‘B’ stante li fi zmien li gie registrat l-Att tat-Twelid in kwistjoni l-ligi ma kinitx tirrikjedi li l-kunjom tal-minuri ghandu jigi specifikat fuq l-Att tat-Twelid.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, jehtieg li r-rikorrent jipprova l-impossibilita’ fizika bejn il-konjugi u cioe’ bejn l-intimati H F u C D E.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tal-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti.

Tant ghandu x’jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat in-nota ta’ H F fejn dan qal:

Illi permezz taghha jinforma lil din l-Onorabbli Qorti illi mhux behsiebu jdahhal eccezzjonijiet ghat-talbiet tal-attur B stante illi l-fatti enuncjati fic-citazzjoni tal-attur m’humiex kontestati.

L-esponenti jitlob biss lil din l-Onorabbli Qorti illi meta tiddetermina l-kap tal-ispejjez, din l-istess Qorti joghgobha ma tikkundannahx ihallas l-ebda minnhom.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C D E fejn din eccepiet:

Illi l-esponenta taqbel li l-missier naturali hu l-attur A B.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenta taqbel li ghandu jkun hemm il-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid f’dan is-sens kif ukoll kull att iehor li

jista’ jkun ta’ rilevanza ghal dan l-iskop u fl-ahjar interess tal-minuri, bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti f’din il-kawza qed jitlob li jigi rikonoxxut illi huwa missier naturali tal-minuri G F li twieled minn relazzjoni li r-rikorrenti kellu ma’ C D E waqt li din kienet ghadha mizzewga ma’ H F.

Ir-rikorrenti rnexxielu jipprova, anke permezz ta’ ezamijiet xjentifici esegwiti minn Dr. Marisa Cassar, li l-minuri huwa tassew ibnu.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li t-tifel G imwieled lil C D E fit-3 ta’ Dicembru 2001 huwa wild naturali ta’ A B.

2. Tilqa’ t-tieni talba u fl-Att tat-Twelid Nru. 4855 tal-2001 jithassru l-konnotati ta’ H F mill-kolonna dwar dettalji tal-missier u jitnizzlu minflok dawk ta’ A B, ID Card No. *Omississ (K.I. nru)* bin M, haj, imwieled Pieta’ u residenti l-Imsida. Isem it-tarbija ghandu jkun G B. Mid-dettalji tal-omm ghandhom jithassru l-kliem “the said”.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------